Ufficċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*3 ta' Awwissu, 2011*

69/2011

# SOGĦBA PROFONDA

Il-Knisja f'Malta tinnota s-sentenza mogħtija mill-Qorti u li biha żewġ patrijiet instabu ħatja ta' abbuż ta' tfal waqt li dawn kienu qed jinżammu f'dar tal-knisja.

Il-Knisja f'Malta għal darb'oħra tistqarr is-sogħba profonda tagħha li minuri li kienu taħt il-ħarsien tagħha kienu abbużati. Titlob maħfra għal dan l-abbuż l-ewwelnett lil dawk li sofrew l-abbuż kif ukoll lis-socjetà Maltija kollha. Il-Knisja turi s-sogħba tagħha wkoll ghal fatt li l-investigazzjonijiet dwar r-rapporti damu daqshekk biex ġew konklużi.

L-Arċisqof Pawlu Cremona bi ħsiebu fi żmien qasir jerġa' jiltaqa' mal-vittmi biex jitlobhom din il-maħfra personalment.

Il-Knisja tħeġġeġ lil kull min ikollu xi taghrif dwar abbuż fuq minuri biex jirraporta mill-ewwel. Il-Knisja saħħet l-istrutturi tagħha biex kemm hu possibbli jkunu evitati abbużi u jekk isiru, jittieħdu passi fl-iqsar żmien possibbli.